MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 6 ta' Lulju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**Ronald Apap**
**(ID: 150470M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Ronald Apap** li ġie akkużat talli nhar il-5 ta' Mejju 2007 f'dawn il-gżejjer u ċioè fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra ddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat illi dan il-proċess ġie assenjat lilha permezz ta' digriet tal-Prim'Imħallef tas-26 ta' Ottubru 2017;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi jibda biex jingħad illi dan il-proċess ilu pendenti erbatax-il sena u li matulu kull ma xehdu kienu żewġ xhieda, wara liema smigħ ta' xhieda din il-Qorti diversament

presjeduta iddifferiet il-kawża *sine die* fis-17 ta' Ottubru 2012 u dan stante li għal numru ta' snin il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova oħra ħlief dawk imressqa fl-ewwel seduta tal-10 ta' Settembru 2007. Għal ben ħames snin dan il-proċess baqa' differit *sine die*, sakemm wasal quddiem din il-Qorti li appuntatu għas-smigħ għas-seduta tat-2 ta' Frar 2018.

Illi l-l-Prosekuzzjoni pproduċiet bħala xhieda lill-Uffiċjal Investigattiv u lil Maria Louisa Fenech. Madankollu permezz ta' digriet datat 27 ta' Novembru 2020 il-Qorti sfilzat ix-xhieda ta' Maria Louisa Fenech stante li din ma ġietx imressqa mill-Prosekuzzjoni għall-kontro-eżami, nonostante li ġiet hekk mitluba mid-difiża.

Illi għalhekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jdur kollu madwar ix-xhieda tal-Ispettur Therese Sciberras li spjegat illi fil-5 ta' Mejju 2007 kien mar jirrapporta ġewwa l-Għassa tal-Qawra ċertu Salvu Camilleri li qal li huwa Surġent tal-Pulizija dwar inċident li seħħ lejliet fl-Incognito Bar and Restaurant. Camilleri rrapporta li waqt li kien fl-imsemmi stabbiliment kien hemm persuna li insulentah. Minn investigazzjoni li saret irriżulta li l-persuna li avviċina lil Camilleri kien l-imputat. Għalhekk l-imputat ġie mitkellem mis-Surġent li ħa r-rapport fejn l-istess allega li kien Camilleri li mar fuqu u beda joffendih u pprova jattakkah tant li għamillu xi ġrieħi. Tispjega li Apap mar jagħmel ċertifikat mediku biss meta sar jaf li Camilleri għamel rapport kontrih. Tispjega li Camilleri kellu żewġ xhieda ta' dan l-inċident. Tkompli tgħid li meta l-imputat kien qiegħed jiġi mitkellem, huwa beda jagħtiha l-impressjoni li hu ma kienx għadu mal-eks-sieħba tiegħu minħabba l-fatt illi l-pulizija ma kinux għamlu xogħolhom kif suppost. Żiedet tgħid ukoll illi l-imputat kien jaf fejn jaħdem Camilleri u li dak iż-żmien Camilleri kien stazzjonat l-Għassa ta' Ħal-Luqa.

In kontro-eżami l-Ispettur Sciberras ikkonfermat illi bħala fatt l-imputat ma kienx mar jagħmel rapport, però waqt li kienet qiegħda tinterrogah qalilha illi kien qiegħed jagħmel rapport kontra Camilleri. Madankollu tgħid li hija kienet infurmat lill-imputat li jekk kien se jikkonferma li dak li qal kien uffiċjali, kienet se toħroġ akkużi ta' rapport falz. Mistoqsija fejn fl-istqarrija tal-imputat hemm imniżżel li l-imputat qalilha biex tmexxi kontra Camilleri bil-Qorti, ix-xhud wieġbet li kien qalilha hekk. Tispjega li dwar iċ-ċertifikat ippreżentat mill-imputat, hija kellha d-dubji peress li l-verżjoni li ta l-istess imputat ma kinitx taqbel ma' dak indikat fl-istess ċertifikat. Tispjega li s-Surġent li kien *duty* meta daħal ir-rapport ħa l-verżjoni kemm ta' Camilleri u kemm tal-imputat u fir-rapport tiegħu kiteb li "charges are being issued accordingly". Tispjega li sa dak il-punt hija kienet għadha mhix involuta. Tgħid li però sussegwentement, wara li ħadet l-istqarrija tal-imputat, hija ħasset li kellha tirreferi r-rapport lis-superjuri tagħha fejn talbet li jkun hemm *character report* ta' Camilleri, però s-superjuri tagħha ma qablux li dan għandu jsir. Meta l-file ġie lura, kienet saret minuta sabiex jinħarġu imputazzjonijiet kontra l-imputat li fixkel lil Camilleri fil-qadi ta' dmirijietu. Hija tispjega li hija ma ħarġitx dawn l-imputazzjonijiet stante li Camilleri ma kienx fuq xogħol waqt il-ħin tal-inċident.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' ħolqiet ta' reat ai termini tal-artikolu 110 (2) tal-Kodiċi Kriminali.

F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi** (16/02/1998) ġie deċiż:

*"Kwantu għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bħal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruħha meta wieħed bil-qerq joħloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjonui verbali jew diretta tirrikjedi sempliċement li l-aġent jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Għalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza tal-aġent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma seħħx."*

Illi mill-provi mismugħa minn din il-Qorti, li jikkonsistu essenzjalment fix-xhieda tal-Ispettur Therese Sciberras, jirriżulta illi fi-5 ta' Mejju 2007 Camilleri għamel rapport fil-konfront ta' Apap. Kif jiġri f'ħafna mill-każijiet, is-Surġent li rċieva r-rapport għamel kuntatt ma' Apap biex jieħu l-verżjoni tiegħu. Apap ta l-verżjoni tiegħu ta' kif seħħ l-inċident, u ċioè li kuntrarjament għal dak mistqarr minn Camilleri, kien proprju Camilleri li aggredih. Illi wara li sema' ż-żewġ verżjonijiet is-Surġent, li *del resto* ma ġiex prodott bħala xhud f'dawn il-proċeduri, niżżel fir-rapport tiegħu li kienu se jinħarġu l-akkużi. Fir-rigward ta' min kienu se jinħarġu l-akkużi ma ġiex speċifikat, u ċioè jekk hux fil-konfront tat-tnejn li huma jew biss fil-konfront ta' xi ħadd minnhom. Mill-esperjenza li għandha din il-Qorti, f'ċirkostanzi normali, fejn għandek żewġ verżjonijiet kunfliġġenti, jinħarġu akkużi kontra ż-żewġ partijiet u mbagħad tkun il-Qorti, wara li tisma' l-provi kollha bil-ġurament, li tara min għandu jinstab ħati jew mod ieħor.

Madanakollu, f'dan il-każ, inħass li qabel ma jkun hemm ebda pronunzjament ta' awtorità ġudizzjarja, il-Pulizija tmexxi kontra l-imputat abbażi ta' denunzja ta' reat li kien jaf li ma sarx u li ħoloq traċċi ta' reat biex jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li seħħ l-istess reat.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi dak li għamel l-imputat huwa fil-fatt li ta l-verżjoni tiegħu u mhux denunzja vera u proprja kif jiprospetta l-artikolu 110 (2) tal-Kodiċi Kriminali. Iktar minn hekk, anke jekk għall-grazzja tal-argument, tali denunzja saret lill-Ispettur Therese Sciberras, hawnhekk l-imputazzjoni wkoll tfalli, stante li jirriżulta illi l-istess Spettur kellmet lill-imputat fis-7 ta' Ġunju 2007 u mhux fil-5 ta' Mejju 2007, u ċioè fid-data tal-imputazzjoni. Imma forsi l-iktar punt dgħajjef li jikkorobora l-verżjoni tad-difiża hija mistoqsija magħmula mill-Uffiċjal

Investigattiv waqt li Apap kien qiegħed jiġi mitkellem, u ċioè: *"Għaliex mort iġġib ċertifikat biss wara li l-pulizija tal-Qawra qalulek li riedu jkellmuk u* ***mhux għax ħassejt li għandek tagħmel rapport****?"* L-imputat wieġeb *"Għax bżajt minnhu."* Minn qari tal-istqarrija tiegħu, fl-ebda ħin ma l-imputat qal li jrid imexxi kontra Camilleri. Il-Qorti għandha għaliex taħseb li ħaġa bħal din, jekk verament intqalet, messha tniżżlet. Saħanistra l-imputat ġie mistoqsi jekk iridx iżid xi ħaġa oħra, u huwa wieġeb li le.

Illi, però, l-imputat jinsab akkużat ukoll li bil-qerq ħoloq traċċi ta' reat b'mod li setgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li l-istess reat sar. Illi għalkemm ma tantx ġie elaborat dwar din iċ-ċirkostanza, din possibbilment qiegħda tirreferi għaċ-ċertifikat mediku ppreżentat minn Apap fil-ġurnata li s-Surġent bagħat għalih fl-Għassa tal-Qawra. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, ma ġiet prodotta l-ebda prova li l-imputat ma sofriex il-ġrieħi elenkati fl-istess ċertifikat, liema ċertifikat ġie ppreżentat mill-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti bl-ebda mod ma għandha dak il-konvinċiment morali li tesiġi l-liġi kriminali, illi l-imputat proprju għamel dan iċ-ċertifikat biex joħloq traċċi ta' reat li kien jaf li ma sarx. Dak li ntqal mill-Uffiċjal Investigattiv, u ċioè li fl-opinjoni tagħha il-feriti ma kinux kompatibbli ma' dak allegat minn Apap, ċertament ma jwassalx lil din il-Qorti biex tasal għall-konklużjoni li kien hemm xi fabrikazzjoni ta' provi. Illi lanqas din il-Qorti m'għandha xi tip ta' konfort mix-xhieda ta' Salvu Camilleri, liema denunzja allegatament saret fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant, anke minn dan il-lat, l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħda tiddikjara lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur